

32005R0425

16.3.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 69/3

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 425/2005****tal-15 ta' Marzu 2005**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-pajjiżi u t-territorji**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 fuq il-kundizzjonijiet meħtieġa dwar is-saħħa ta' l-annimali applikabbi għall-moviment mhux kummerċjali ta' l-annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 10 u 21 tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 jistipula lista ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom jista' jkun awtorizzat il-moviment ta' annimali domestiċi lejn il-Komunità, jekk ċerti kundizzjonijiet meħtieġa jiġu osservati.
- (2) Lista proviżorja ta' pajjiżi terzi kienet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 998/2003, kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 592/2004<sup>(2)</sup>. Din il-lista tink-ludi pajjiżi u territorji li huma li fihom m'hemmx rabja, u pajjiżi fejn instab li r-riskju li r-rabja tista' tidħol minn-hom fil-Komunità bħala riżultat ta' moviment mit-territorju tagħhom ma kienx ogħla mir-riskju marbut ma' movimenti bejn l-Istati Membri.
- (3) Minn informazzjoni pprovduta mit-Tajwan, jidher li fit-Tajwan m'hemmx rabja u nstab li r-riskju tar-rabja li tidħol fil-Komunità bħala riżultat ta' movimenti ta' annimali

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbi fl-Istati Mem bri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-15 ta' Marzu 2005.

domestiċi mit-Tajwan ma kienx ogħla mir-riskju assoċjat ma' movimenti bejn l-Istati Membri. Għalhekk it-Tajwan għandu inkluż fil-lista ta' pajjiżi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 998/2003.

- (4) Fl-interess taċ-ċarezza, dik il-lista tal-pajjiżi u t-territorji ġħanda tinbidel kollha.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 għandu għalhekk jiġi emendat b'dan il-mod.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:****Artikolu 1**

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-19 ta' Marzu 2005 [daħħal 3 ijiem wara l-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea].

*Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membra tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 146, 13.6.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2054/2004 (ĠU L 355, 1.12.2004, p. 14).

<sup>(2)</sup> ĠU L 94, 31.3.2004, p. 7.

## ANNESS

## “ANNESS II

**LISTA TA' PAJJIŻI U TERRITORJI**

## PARTI A

IE — L-Irlanda  
 MT — Malta-  
 SE — L-Iżvezja  
 UK — Ir-Renju Unit

## PARTI B

**Sezzjoni 1**

- a) DK — Id-Danmarka, inklużi GL - Greenland u l-FO – Il-Gżejjer Faeroes;
- b) ES — Spanja, inkluż it-territorju kontinentali, il-Gżejjer Baleariċi, il-Gżejjer Kanarji, Ceuta u Melilla;
- c) FR — Franza, inklużi GF – il-Ginea Franċiża, GP - Guadeloupe, MQ – Martinique u RE - Réunion;
- d) GI — Ġibiltà;
- e) PT — Il-Portugall, inklużi t-territorju kontinentali, il-Gżejjer Ażori u l-Gżejjer ta' Madeira;
- f) Stati Membri minbarra dawk imniżżla f'parti A u punti (a), (b) (c) u (e) ta' din is-Sezzjoni.

**Sezzjoni 2**

AD — Andorra  
 CH — L-Iżvizzera  
 IS — L-Iżlanda  
 LI — Il-Liechtenstein  
 MC — Monako  
 NO — In-Norveġja  
 SM — San Marino  
 VA — L-Istat tal-Belt tal-Vatikan

## PARTI C

AC — Il-Gżira ta' Ascension  
 AE — L-Emirati Għarab Magħquda  
 AG — Antigwa u Barbuda  
 AN — L-Antilli Olandiżi  
 AU — L-Awstralja  
 AW — Aruba  
 BB — Il-Barbados

BH — Il-Baħrejn  
BM — Il-Bermuda  
CA — Il-Kanada  
CL — Iċ-Ċili  
FJ — Fiġi  
FK — Il-Gżejjer Falkland  
HK — Hong Kong  
HR — Il-Kroazja  
JM — Il-Ġamajka  
JP — Il-Ġappun  
KN — San Kristofru u Nevis  
KY — Il-Gżejjer Cayman  
MS — Montserrat  
MU — Il-Mawrizju  
NC — Il-Kaledonja l-Ġdida  
NZ — New Zealand  
PF — Il-Polineżja Franċiża  
PM — San Pietru u Miquelon  
RU — Il-Federazzjoni Russa  
SG — Singapor  
SH — Saint Helena  
TW — It-Tajwan  
US — L-Istati Uniti ta' l-Amerika  
VC — San Vinċenz u l-Grenadini  
VU — Vanuatu  
WF — Wallis u Futuna  
YT — Mayotte"

---